



Stampa u Informazzjoni

---

## **Kommemorazzjoni tal-5 snin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

Illum, fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu, inżammet konferenza biex jiġi ċelebrat il-ħames anniversarju tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Il-konferenza nfetħet bl-indirizzi ta' merħba minn Paul Mahoney, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, minn Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll minn Marc Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Fl-okkażjoni ta' din il-kommemorazzjoni, inżammu workshops bit-tema "*It-trattazzjoni quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Pubbliku : aspetti speċifiċi tal-proċedura*" u "*Il-ġurisprudenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku : kwistjonijiet bażiċi*" bil-parteċipazzjoni ta' membri tal-ġudikatura, professuri u avukati speċjalizzati fil-qasam tas-servizzi pubbliku Ewropew u internazzjonali, uffiċjali għolja tal-istituzzjonijiet Ewropej u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet professjonali u sindakali.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*